MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2006

Numru 45/2000

**Il-Pulizija**

**(Spt. Nicholas Ciappara**

**Spt. Paul Vassallo**

**vs**

**Raymond Bajada**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Raymond Bajada, bin Joseph u Angelina nee' Agius, karta tal-identita' numru 425671 (G) kif riportati a fol. 1 tal-process, u cioe:

Talli f’dawn il-Gzejjer fit-22 ta’ Lulju, 1996, u s-sitt gimghat ta’ qabel din id-data ikkoltiva il-pjanta Cannabis bi ksur tal-Artikolu 8 (c) tal-Kap 101 ta-Ligijiet ta’ Malta;

Ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha, f’cirkostanzi li jruu li din ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (d) u 22 (2) (b) (i) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ordni tal-avukat generali tat-12 t’Awissu 1996 sabiex l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu wara li l-Pulizija kienet ghamlet l-investigazzjonijet taghha in segwit ta’ informazzjoni li fil-fond 172, Triq il-Kbira, Sannat, kien hemm xi pjanti tal-Cannabis, fejn wara tfittxija instabu 9 pjanti. Minn hemm, il-Pulizija saret taf b’xi pjanti ohra u wara tfittxija f’ghalqa fl-area mgharufa bhala “Ta’ Zabbetta, limiti ta’ Sannat, instabu diversi pjanti. Minn inkjesta Magisterjali, irrizulta illi dawn il-pjanti kienu tal-Cannabis, 60 wahda (ara relazzjoni tal-espert Chev. Dr. Anthony Abela Medici, tal-perit arkitett Guido Vella u faxxiklu ritratti tas-Scene of Crime Officers PC 46 Charlot Casha u PC 612 Theo Vella);
Il-Pulizija kienet arrestat lill-certu Emanuel Buttigieg dwar l-ewwel sejba u peress illi dan kien jiffrekwenta lill-imputat bdiet tindagar dwar it-tieni sejba mertu tal-akkuza. Buttigieg kien informa lill-Pulizija illi x-xtieli fl-ghalqa kienu tal-imputat. Fuq informazzjoni tal-istess Buttigieg, il-Pulizija kienet ukoll sabet ghar fl-istess inhawi b’xi weraq tal-cannabis qed jinxfu.

Persuna li ghandha ghelieqi fl-inhawi fejn instabu dawn il-pjanti u li f’dak iz-zmien kien qed jibni razzett hemmhekk,

xehed illi lill-imputat qatt ma ratu hemmhekk hlief meta kien johrog jirgha n-naghag fit-toroq.

Emanuel Buttigieg, oltre x-xhieda tieghu moghtija lill-perit legali nominat fl-inkjesta, xehed ukoll f'dawn il-proceduri. Hu spjega illi l-imputat ghandu ghalqa fejn instabu il-pjanti izda dawn kienu inzerghu fil-barriera magemb l-ghalqa. Hu spjega li mar hemm kemm il-darba mal-imputat li kien jghaddi ghalih biex imur isaqqi l-pjanti izda ma kellux x'jaqsam maghhom.  In kontro ezami, dan ix-xhud qal li kien joqghod ghassa waqt li l-imputat kien isaqqi il-pjanti.

L-imputat xehed illi apparti x-xoghol fiss tieghu bejn l-4.30pm u t-8.00pm kellu delizju li jirgha n-naghag u dan fl-inhawi tat-toroq ta' Sannat fejn instabet il-mixtla.  Apparti dan, l-imputat kien impenjat ukoll fiz-zamma ta' huh ta' 20 sena peress illi huwa 'disabled'.  Huwa innega li dawk il-pjanti kienu tieghu minkejja li kienu instabu fi hwejjeg haddiehor.  Huwa qal li kien jinzel hemm biex isaqqi ix-xtieli tat-tadam izda mhux fil-barriera ghax dik mhix hwejjgu.

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni qed isserrah il-kaz taghha fuq ix-xhieda ta' Emanuel Buttigieg li fi hwejgu kienu instabu pjanti tal-cannabis.  Huwa ried jaghti informazzjoni lill-pulizija u ghazel illi jikxef lill-imputat.  Il-konnessjoni bejn dawn it-tnejn hija l-hbiberija ta' bejnithom.

Illi ai termini tal-Kap 101, il-korroborazzjoni ta' xhud komplici mhix mehtiega f'dawn il-proceduri.  Izda dan ma jfissirx illi dak kollu li jghid ko-imputat jew xhud komplici ghandu jwassal ghal-sejbien ta' htija.  Il-Qorti xorta ghandha id-dover illi tara li l-kaz ikun pruvat 'l hinn minn kull ombra ta' dubju jekk tinstab htija.  Issa, dak kollu li Buttigieg qal lill-Pulizija u lill din il-Qorti kien innegat mill-imputat.  Huwa minnu li l-imputat kien jidher f'dawk l-inhawi jirgha n-naghaq, izda qatt ma ntlemah fil-barriera, qatt ma ntlemah fil-kumpanija ta' Buttigieg u mkien u fl-ebda mument ma nstabu xi tracci li jistghu b'xi mod jghalqu l-holqa bejn l-imputat u dak li bih huwa akkuzat.

Minkejja li l-perit legali jghid illi l-ghalqa kienet tal-familja tal-imputat, dan ma jirrizulta minn imkien ghaliex dak li hu stabilit hu li l-familja tal-imputat ghandha ghalqa magenb il-barriera fejn instabu ix-xtieli.

Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma illi ghajr id-dikjarazzjoni ta' Emanuel Buttigieg, liema dikjarazzjoni kienet michuda mill-imputat, il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova, anke jekk cirkostanzjali, li tista' turi li l-imputat kellu xi konnessjoni mal-mixtla tal-cannabis.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

Torna l-konfiska u distruzzjoni tal-pjanti esebiti taht is-supervizzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud li ghandu jirraporta lill-din il-Qorti dwar l-inkarigu tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------